# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-sitta u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.30 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 65**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** Is-Sindku nforma li konna ghadna qed nistennew lil MEPA tohrog il-*Compliance Certificate* sabiex tkun tista tigi pprocessata l-applikazzjoni ghad-dawl. Gie deciz li l-Kunsill ikompli jinsisti sabiex dan jinhareg malajr kemm jista jkun.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq Santa Katerina:*** L-Agent S.E. informa li konna qed nistennew risposta minghand l-ADT ghat-talbiet taghna sabiex isiru *traffic calming measures* u sabiex vetturi kbar ma jkunux jistghu jidhlu fit-triq jekk mhux sabiex jaghtu servizz. Gie deciz li nibghatu *reminder.*

**3.3** ***Para 3.3 – Kotba – Librerija Lokali :*** L-Agent S.E. informa li l-kotba kienu gew ordnati u ghandhom jibdew jaslu l-gimgha d-diehla.

**3.4** ***Para 3.5 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti kienet ser issir fil-granet li gejjin.

Huwa qal li d-Dipt. ghall-Gvern Lokali kien ghadda lil Kunsill €3,911 sabiex jintuzaw halli jithallsu l-*Landfill Charges* ghax-xhur Ottubru – Dicembru 2009. Is-S.E. intalab sabiex ikompli jgib *ic-chits* tal-*Landfill* minghand il-kollettur ta' l-iskart kif ukoll jara li l-ammont li ghadda ghand il-Kunsill Lokali minghand il-Gvern Centrali jkopri l-ammont li ser jithallas lil Wasteserv.

**3.5** ***Para 3.6 – Ftuh tal-Librerija s-Sibtijiet :*** L-Agent S.E. informa li meta nfethet il-

kaxxa tal-kwotazzjonijiet instab li kien hemm 4 offerti. Wara li saret diskussjoni, li ghaliha l-Kunsillier A. Muscat ma ppartecipax peress li wiehed minn dawk li tefa l-offerta tieghu huwa qarib tieghu, gie deciz li tinghazel is-Sinjura Tania Azzopardi peress li din giet meqjusa bhala l-applikanta l-aktar addatta ghas-servizz mehtieg . L-Agent S.E. intalab sabiex jaghmel l-arrangamenti mehtiega halli s-Sinjura Azzopardi tibda taghti s-servizz fil-librerija nhar ta' Sibt.

3.6 ***Para 3.7 – Devoluzzjoni Xelter:*** Peress li konna ghadna ma smajna xejn minghand id-Dipt. ta' l-Artijiet, gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jinsisti ghal laqgha ma ufficcjali mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli.

3.7 ***Para 3.9 – Hajt fi Triq Indipendenza:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-MEPA u d-Dipt. ta' l-Artijiet.

3.8 ***Para 3.10 – Hal Gharghur- Ir-Rahal Fuq l-Gholja*: –** L-Agent S.E. informa li t-tqassim tal-ktieb kien miexi b'ritmu pjuttost kajman. Sad-data tal-laqgha kienu ingabru 421 ktieb. Gie deciz li nergghu naghmlu avvizi kemm fuq in-*noticeboards* kif ukoll fuq il-*website*.

3.9 ***Para 3.11 – Kuntratt tal-Knis –*** L-Agent S.E. intalab sabiex jipprova jorganizza laqgha ma' ufficcjali mid-Dipt. ta' l-Indafa Pubblika ghal qabel il-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

3.10 ***Para 3.14 – Isem ta' triq gdida*:** L-Agent S.E. informa li l-Kumitat ghat-Tismija tat-Toroq kien gie nfurmat bid-decizjoni li kien ha l-Kunsill fl-ahhar laqgha.

3.11 ***Para 3.17 – Gemellagg* :** Il-Vici Sindku nforma li kien ghadu qed jistenna risposta dwar possibilita' ta' bidu ta' tahdidiet ma' Garritana.

3.12 ***Para 3.19 – Laqgha Progett Leader*** : Is-Sindku ta dettalji dwar l-istrategija li thejjiet ghall-approvazzjoni tal-Gvern Centrali u qal li din ser tinbaghat lil-Gvern sal-15 ta' Dicembru 2009. Huwa ta ukoll dettalji dwar il-visita li l-Board tal-Fondazzjoni kien ghamel f'Arezzo l-Italia.

3.13 ***Para 3.20 – Progett Xwieki*** : Il-Kunsill innota l-korrispondenza dwar dan is-suggett mill-ahhar laqgha l'hawn kif ukoll il-mistoqsijiet u t-twegibiet Parlamentari. Is-Sindku qal li hu ghadu ma rcieva l-ebda risposta dwar l-uzu tas-sit u ser ikompli jsegwi. Huwa qal li malli din l-informazzjoni tasal ghandna ser tigi mghoddija lir-residenti peress li diversi residenti kienu staqsew dwar l-uzu tas-sit.

3.14 ***Para 5.1 – Culvert fi Triq Gargallo :*** Is-Sindku nforma li d-decizjoni li ha l-Kunsill fl-ahhar laqgha ghadha trid tigi kkomunikata lil min kien ghamel it-talba.

3.15 ***Para 5.4 – Hmieg tal-Klieb :*** Peress li kienu nxtraw biss 2 Dog Bins, gie unanimament deciz li dawn ghandhom jehlu fi Triq Stiefnu Zerafa mal-hajt tal-*ground* u fi Sqaq Warda. Gie unanimament approvat l-arrangament li sar dwar is-servizz tal-*Green Wardens*.

**3.16** ***Para 7.4 – Attivitajiet mas-Socjeta Filarmonika S. Bartilmew :*** Is-S.E informa lill-Kunsill bil-programm propost ghall-harga li ser issir fit-8 ta' Dicembru 2009 ghal Ghawdex. Dan gie approvat unanimament.

**3.17** ***Para 7.7 – Milied 2009 :*** L-Agent S.E. informa li meta nfethet il-kaxxa tal-kwotazzjonijiet meta ghalaq il-hin biex dawn jigu sottomessi, instab li konna rcivejna zewg offerti : wahda minghand il-Kumitat Festa San Bartilmew ghas-somma ta' € 1,300 u ohra minghand Lawrence Cassar ghas-somma ta' € 1,200. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda unanimament li jaghzel l-offerta tal-Kumitat Festa San Bartilmew peress li din kienet l-aktar wahda vantaggjuza peress li l-ammont indikat fl-offerta kien jinkludi wkoll l-uzu tal-meter tad-dawl. Gie innotat ukoll li s-Sur Lawrence Cassar kien naqas li jinkludi ma l-istima d-disinji tad-dawl kif kien mitlub fl-avviz.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa l-20 ta' Novembru 2009 meta giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Talba minghand resident sabiex isiru *Parking Bays* quddiem garaxxijiet fi Triq Zgharuna u sabiex Triq Dun Salvatore Zarb issir *One Way*. Filwaqt li l-Kunsill unanimment accetta t-talba ghal *Parking Bays,* ma qabilx li Triq Dun Salvatore Zarb issir *One Way*.

**5.2** Ilmenti minn xi residenti li ma qablux mal-*parking bays* li saru fi Triq Dun Salvatore Zarb. Gie innotat li l-maggoranza tar-residenti riedu dawn il-*parking bays* u ghalhekk gie unanimament deciz li dawn ghandhom jibqghu. Dwar dawn il-*parking bays* gie innotat ukoll li minkejja li saru ftit tal-granet ilu minn Koptasin, diga bilkemm ghadhom jidhru. Gie unanimament deciz li l-Koptasin jintalbu jergghu jizbghu dawn il-*parking bays* u sakemm dan isir il-Kunsill ma jhallasx il-kont tal-Koptasin.

**5.3** Ilment dwar dghajsa li qeda ipparkjata fi Triq Emm Perren. Gie unanimament deciz li s-sid tad-dghajsa jintalab li jnehhiha u jekk ikun hemm bzonn nitolbu l-ghajnuna tal-Gwardjani Lokali.

**5.4** Ilment dwar xoghlijiet li qed isiru fi Triq Dimetriju Farrugia u li jistghu jaghmlu hsara lill-binja maghrufa bhala l-Matmura li hi protetta permezz ta' Avviz ta'Skedar. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lill-MEPA (Taqsima Heritage) u nitolbuhom jaghmlu *site visit*.

**5.5** Ilment minn residenta dwar kanal li thalla bejn it-tarmak u r-residenza taghha meta saret it-triq snin ilu. Hi tixtieq li dan il-kanal jinghalaq. Peress li jidher li dan il-kanal thalla bli skop li jkun jista jghaddi l-ilma, gie unanimament deciz li l-Kunsill jipprova jara x'jista jsir sabiex filwaqt li jitghatta l-kanal, jithalla post minn fejn ikun jista

jghaddi l-ilma.

***Il-Kunsillier M. Mifsud halla l-laqgha fit-8:30 p.m. imhabba mpenji ohra.***

**5.6** Ilment dwar diversi klieb li qed jithallew jigru minghajr cinga fl-inhawi ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie unanimament deciz li dan l-ilment jintbaghat lill-*Green Wardens*.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 76/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-Haddiema ta' l-IPSL

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza mill-Bord tal-Evalwazzjoni ta' Inizjattivi għall-Attivitajiet fejn gejna nfurmati li l-proposta tal-Kunsill ma gietx accettata sabiex tibbenefika ghall-fondi taht din l-iskema.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza minghand il-Kumitat Kongunt Tramuntana fejn il-Kunsill gie nfurmat li ghall-perjodu April / Ottubru 2009, l-Kunsill kien qed jinghata s-somma ta' €942 bhala *profit sharing*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand il-Kumitat Kunsilli ghal Energija Alternattiva fejn il-Kunsill gie mitlub jikkontribwixxi s-somma ta' €100 sabiex ikopri l-ispejezz tal-hrug ta' l-Offerta.

Din il-korrispondenza giet innotata u s-S.E. intalab li johrog il-pagament wara li jkun kiseb il-konfermi kollha mehtiega mitluba mill-Kunsill.

**6.6** Korrispondenza minghand il-Kumitat Kongunt Tramuntana tinfurmana li nhar il-Gimgha 4 ta' Dicembru kienet ser issir bibita ghal-Kunsillieri u l –istaff fl-okkazjoni tal-Milied.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Kopja ta' Rapport t'Efficjenza kif ippreparat mill-*Field Services Branch* fi hdan id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar spezzjoni li saret fiz-zona mhux urbani.

Din il-korrispondenza giet innotata.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Giet ipprezentata l-lista ta' xoghol li wettqu t-tliet haddiema li ghandu l-Kunsill

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.2** Gie unanimament deciz li kuntrattur li ghamel xoghol permezz ta' *scaffolding* fi Triq San Gwann xi gimghat ilu minghajr permess ghandu jintalab jirregolarizza l-posizzjoni tieghu. Jekk dan jonqos ghandu jsir rapport lill-Pulizija.

**7.3** Gie unanimament deciz li tigi organizzata attivita' nhar it-Tlieta 1 ta' Dicembru fejn il-Kunsill jipprezenta memento lil Tanita Vella, tfajla minn Hal Gharghur li rebhet it-titlu ta' Miss Malta 2009. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb jixtri dan il-memento.

**7.4** Gie unanimament deciz li ghandna niccekkjaw mal-*Malta Communications Authority* fiex waslet applikazzjoni li kellha ssir dwar l-installazzjoni ta' sistema tal-*Wi-fi* fi Gnien il-Paci.

**7.5** Gie unanimament deciz li ghandna nibqghu ninsistu mal-Bitmac Ltd sabiex dan jipprovdilna l-istima sabiex sqaq zghir li jaghti ghal Triq il-Gnien jigi asfaltat.

**7.6** Gie unanimanent deciz li ghandna nkellmu lill-ADT sabiex naraw jekk hux possibli li jintbaghat perit sabiex jaghmel *survey* ta' Triq Zaghruna kantuniera ma' Triq Indipendenza.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:30 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru 2009 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **9 ta' Dicembru 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |